MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 284/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Morgan Azzopardi)**

**Vs**
Frankie Pace

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :**

**a) Fid-19 ta' Frar, 2002, ikkommetta serq ta' Lm 45 mill-istabiliment Lovebirds Unisex Salon gewwa Rahal Gdid ghad-detriment ta' Stephanie Cassar ID 397480 (M), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz;**

**b) U aktar talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix Lm 10, ghad-detriment ta' Stephanie Cassar ID 397480 (M);**
**c) Fis-16 ta' Novembru, 2001, gewwa Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' stereo Pioneer valutat Lm50 minn go karozza Toyota Tercel bin-numru ta' registrazzjoni IBG-232 ghad-detriment ta' Noel Busuttil ID 23980 (M), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;**
**d) U aktar talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix Lm 50, imma hija izjed minn Lm 10 ghad-detriment ta' Noel Busuttil ID 23980 (M);**
**e) Fit-28 ta' Jannar, 2002 gewwa Malta International Airport Car Park, ikkommetta serq ta' stereo Panasonic valutat Lm 375 minn go karozza Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni DVD-192 ghad-detriment ta' Maria Dolores Saliba ID 32670 (M), liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa;**
**f) U aktar talli fl-istess cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tiskorri Lm 50, imma ma tiskorrix Lm 500 ghad-detriment ta' Maria Dolores Saliba ID 32670(M);**
**g) Fit-23 ta' Dicembru, 2001, gewwa Malta International Airport Car Park, ikkommetta serq ta' stereo Baupunkt valutat Lm 65 minn gewwa karozza Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni RMH-001 ghad-detriment ta' Mark Stephen Hollingswort ID 22223(A), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;**
**h) U aktar talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix Lm 50, imma hija izjed minn Lm 10 ghad-detriment ta' Mark Stephen Hollingsworth ID 22223(A);**
**i) Fit-30 ta' Jannar, 2002 gewwa Malta International Airport Car Park, ikkommetta serq ta' stereo Kenwood valutat Lm 139 minn go karozza Peugeot 306 bin-**

**numru ta' registrazzjoni BBM-427 ghad-detriment a' Shaun Tabone ID 312383 (M), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa;**

**j) U aktar talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix Lm 50 imma hija izjed minn Lm 10, ghad-detriment ta' Shaun Tabone ID 312383 (M);**

**k) Fit-3 ta' Marzu, 2002 gewwa Wied il-Ghajn, ikkommetta serq ta' stereo Clarion valutat Lm 98 minn go karozza Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni KRL-010 ghad-detriment ta' Karl Enriquez ID 190683 (M);**

**l) U aktar talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija izjed minn Lm 50 imma ma tiskorrix Lm 500, ghad-detriment ta' Karl Enriquez ID 190683(M);**

**m) Fit-22 ta' Novembru, 2001 gewwa Malta International Airport Car Park, ikkommetta serq ta' stereo Pioneer valutat Lm 100 minn go karozza Mazda bin-numru ta' registrazzjoni DAO-439 ghad-detriment ta' Leo Grixti ID 514981 (M);**

**n) U aktar talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix Lm 50, imma hija izjed minn Lm 10, ghad-detriment ta' Leo Grixti Id 514981 (M);**

**o) Fl-1 ta' Frar, 2002 gewwa Hal-Tarxien, ikkommetta serq ta' Lm 20 u stereo Pioneer valutat Lm 90 minn go karozza Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni BAA-374 ghad-detriment ta' Jonathan Mifsud ID 481482 (M), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa;**

**p) U aktar talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix Lm 50, imma hija izjed minn Lm 10, ghad-detriment ta' Jonathan Mifsud ID 481482 (M);**

**q) Fil-15 ta' Dicembru, 2001 gewwa Malta International Airport Car Park, ikkommetta serq ta' Lm17 minn go**

**karozza Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni JPM-579 ghad-detriment ta' John Paul Muscat ID 266279(M), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;**

**r) U aktar talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix Lm 50 imma hija izjed minn Lm 10 ghad-detriment ta' John Paul Muscat ID 266279 (M);**

**s) Fid-9 ta' Novembru, 2001, gewwa Malta International Airport Car Park ikkommetta serq ta' stereo CD Pioneer valutat Lm 95 minn go karozza Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni VEC-214 ghad-detriment ta' Edwin Camilleri ID 1007648 (M), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;**

**t) U aktar talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix Lm 50, imam hija izjed minn Lm 10 ghad-detriment ta' Edwin Camilleri ID 1007648 (M);**

**u) Fil-5 ta' Novembru, 2001 gewwa Malta International Airport Car Park, ikkommetta serq ta' stereo Sony valutat Lm 149 minn go karozza Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni HAP-637 ghad-detriment ta' Amanda Ancilleri ID 110377 (M), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa;**

**v) U aktar talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix Lm 500 imma tiskorri Lm 50 ghad-detriment ta' Amanda Ancilleri ID 110377 (M);**

**w) Fit-23 ta' Jannar, 2002, gewwa Malta International Airport Car Park, ikkommetta serq ta' stereo Grundig valutat Lm 100 minn go karozza Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ROM-195 ghad-dertriment ta' Romina Abdilla ID 193974 (M), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa;**

**x) Fit-22 ta' Novembru, 2001, gewwa Malta International Airport Car Park, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix Lm 500, imma**

**hija izjed minn Lm 50, ghad-detriment ta' ta' Evan Mark Sciberras ID 444694 (M);**
**y) U aktar talli f'Malta xjenement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;**
**z) U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, instabu ghandu ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu kienu jinsabu ghandu f'dak iz-zmien;**
**aa) U aktar talli kiser ordni tal-probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Dr J. Cassar LL.D.) datata 18.07.2000;**
**bb) U aktar talli kkommetta reati fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 11.06.2001 minn Dr N. Cuschieri LL. D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;**
**cc) U aktar talli sar recediv ta' serq wara li gie kkundannat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 11.06.2001 minn Dr N. Cuschieri LL. D. liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Dicembru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikolu 261, 263, 267, 271, 278, 279, 280, 281, 31, 17, 325, 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi w ikkundannatu ghal erba' snin prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta' Dicembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu ghandha tvarja u tbiddel dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannatu ghal erba' snin karcerarja w tnaqqasha skond kemm din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti :- 1. li hu kien ghamel ammissjoni bikrija; 2. Illi hu kien indika li kien xeba' mill-hajja li kien ghaddej fiha'; 3. li l-valur tad-diversi serqiet li kkommetta kien wiehed baxx u dan kien juri l-istat patetiku tal-hajja li kien fiha; 4. li kien dominat mill-vizzju tad-droga u li kien qed jisraq biex isostni l-vizzju tieghu ; u 5. li t-terminu ta' erba snin habs kien pjuttost twil u esagerat ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena ta' erba snin prigunerija inflitta mill-ewwel Qorti wara li l-appellant ammetta l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu;**

**Illi f'kazi ta' appell dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.)**

**Illi f'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi . Di fatti hu ammetta reat kontinwat ta' mhux inqas minn tnax il-serqa, hdax minnhom minn karozzi w reat kontinwat ta' tnax il-kaz ta' danni volontarji fl-istess karozzi jew post fejn saru s-serqiet, b' ricettazzjoni , b' pussess ta' ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi wara li kien gie kundannat f' Malta ghal serq , talli kiser il-probation moghtija b' sentenza tat-18 ta' Lulju, 2000, li kkommetta r-reati f' periodu operattiv ta' sentenza sospiza tal-11 ta' Gunju, 2001 u talli sar recidiv bl-istess sentenza. Issa l-piena ghar-reat kontinwat ta' serq , kwalifikati bil-**

**mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur,bil-kwalifika tar-recidiva kif inhuma uhud mir-reati in kwistjoni jgib massimu ta' disa' snin prigunerija. Ir-reat kontinwat ta' danni volontarji li uhud minnhom jaqbzu l-LM50 izda mhux il-LM500 , bir-recidiva jgib massimu ta' tlitt snin prigunerija; Ghalhekk fuq dawn ir-reati biss , bil-konkors tal-pieni skond l-artikolu 17 (b) , l-appellant seta' jigi kundannat ghal massimu ta' ghaxar snin u nofs prigunerija. Dan apparti il-ksur tal-probation u l-kommissjoni ta' reat fiz-zmien ta' sentenza sospiza. Ghalhekk zgur li l-piena ma kienetx esagerata jew sproporzjonata.**

**Illi mhux korrett l-appellant meta jghid li hu kien ghamel ammissjoni bikrija ghaliex meta tressaq b' arrest fit-3 ta' Lulju, 2002, kien wiegeb li ma kienx hati (fol. 12) Illi kien biss fl-udjenza tal-25 ta' Gunju, 2004,** kwazi sentejn wara li tressaq **u wara li kienu xehdu l-persuni kollha derubati w danneggjati w l-Prosekuzzjoni ezawriet il-provi taghha li l-appellant ghazel li jammetti (Fol. 99). Ghalhekk dan l-aggravju jidher infondat ghalkemm l-Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, xorta wahda , qieset l-ammissjoni bhala fattur favur tal-appellant u qalet li ghandu jgawdi minnu . Dan forsi jispjega ghaliex is-sentenza hija aktar vicin il-minimu milli ghall-massimu fuq imsemmi.**

**Illi umbaghad f' kull kaz, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" **[5.7.2002] , l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem , jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.**

**Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi"**, [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza** "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" **, [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet**

**il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE **, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-**
“Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate “discount” has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that “something in the order of one-third would very often be an appropriate discount”, but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of ‘tactical plea’ , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii)

where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..”

**Ikkonsidrat ;**

Illi fil-fehma ta’ din l-Qorti dan  kien kaz fejn, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata l-appellant  **“delayed his plea until the final moment “.** Inoltre mill-precedenti penali tal-appellant kif jidhru mill-fedina penali tieghu w mill-fatt li hu ma hax beneficcju mid-diversi opportunitajiet li tawh il-Qrati ,  jidher car li hu ta’ minaccja serja ghas-socjeta’ w li **“..the protection of the public makes it necessary that a long sentence ,… be passed.”**

Illi lanqas hu korrett l-appellant meta jghid li hafna mis-serqiet kienu ta’ valur baxx ghaliex hemm uhud fis-sensiela ta’ serqiet li kkommetta li huma sahansitra aggravati bil-valur u kull serq, specjalment meta jkun akkumpanjat minn danni volontarji, kif inhu l-kaz hawn , johloq certu alarm socjali w ghajta biex tali agir jigi repress fis-socjeta’.

Illi ghar-rigward tal-aggravju li hu kien mahkum mill-vizzju tad-droga , reat minnu nnifsu , dan zgur li ma jista’ joffri ebda passaport ta’ inkolumita’ mis-sanzjonijiet penali jew xi skriminanti jew estenwanti lill-appellant u ghalhekk anki dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi respint.

**Ghalhekk , tenut kont tal-kwantita’ ta’ reati ammessi , l-fedina penali refrattarja tal-appellant u l-fatt li hu ma uzufruwixxix mid-diversi opportunitajiet li tawh il-Qrati , biex jirriforma ruhu w jaqbad it-triq it-tajba,din il-Qorti ma tara l-ebda raguni biex  tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fil-piena erogata.**

**Konsegwentement l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------